# III. SATANIZMU U OKKULT

Hemm zewg affarijiet li jhobb ix-xitan. Jew li wiehed jichad ghal kollox l-ezistenza tieghu, jew inkella, li jitqies bhala c-centru ta' l-istorja, daqs li kieku alla.

Hu ghalhekk li Charles Pierre Baudelaire jikteb: 'Il-qerq l-aktar fin tax-xitan hu meta jwassal lill-bnedmin biex ma jemmnux fl-ezistenza tieghu.' B'hekk il-bniedem warrab l-impenn tieghu li jhares lilu nnifsu mill-attività ordinarja tax-xitan, it-tigrib , u xi kultant ukoll mill-attività straordinarja tieghu, li tidher fl-infestazzjoni, fl-opressjoni u fil-possessjoni djabolika kif ukoll fl-espressjonijiet diversi tas-Satanizmu u ta' dak kollu li b'xi mod hu marbut ma' l-okkult.

Ix-xitan jghogbu wkoll li jigi kkunsidrat daqs li kieku kien xi alla. Hi n-natura tieghu, is-suppervja. Is-suppervja li tidher ukoll fil-Vangeli kif diga rajna. Lil Gesù waqt li kien qed igarrbu, jghidlu: *Kollox naghtik jekk tinzel tadurani.* Gesù johrog rebbieh billi jintrabat bis-shih mar-rieda ta' Missieru: *Itlaq xitan! Hemm miktub: 'Lill-Mulej Alla tieghek ghandek tadura u lilu biss taqdi'* (Mattew 4,9-10).

Anke jekk hi haga assurda li tahseb li x-xitan hu alla, mhux l-ewwel darba li matul l-istorja nibtu kurrenti filosofici u tejologici li prattikament stqarrew dan! Fit-tielet seklu, il-manikej kienu jzommu u jemmnu fl-ezistenza ta' zewg principji koeterni u kontra xulxin, it-tajjeb u l-hazin, mela Alla u x-xitan.

Il-fidi nisranija dejjem stqarret it-twemmin f'principju wiehed, assolut, it-tajjeb, Alla. *Fih (Kristu bhala xbieha ta' Alla) kien mahluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx* (Kolossin 1,16).

L-izball tat-twemmin fid-divinità tax-xitan kellha terga' tigi mmexxija mill-erezija tal-Katari fil-Punent, u mill-Bogomili fil-Lvant. Hu ghalhekk li l-Koncilju tal-Lateran IV stqarr: 'Ahna nemmnu bil-qawwa u b'qalb sinciera li Alla hu l-ghajn wahdanija ta' kollox, il-Hallieq ta' dak kollu li jidher u ta' dak kollu li ma jidhirx. I x-xitan u l-ispirti l-hziena ghalhekk gew mahluqa tajbin u saru hziena bir-rieda taghhom.'

Minkejja kollox, it-twemmin assurd li x-xitan jista' jitqies daqs li kieku kien xi alla hu twemmin prezenti anke llum. U forsi dan jidher fic-car f'gruppi satanici, jew f'individwi li jaduraw lix-xitan; dawn ghazlu lil Satana bhala alla taghhom u lilu jaghtu 'l-qima' taghhom. Huma dawk li jirrikorru lilu u jitolbu lix-xitan ghajnuna, favuri, 'qawwiet', biex ikunu jistghu

iwettqu xewqat ta' vendetta u mibeghda, b'mod dirett jew b'mod indirett, wahedhom jew permezz ta' mediums, shahar, magija, ecc.

## (A) <u>Harsa lejn l-Istorja</u>

Niftakru li s-sejha u l-adorazzjoni ta' l-ispirti l-hziena flimkien mac-celebrazzjoni ta' riti li jezaltaw il-perverzjoni fil-forom kollha taghha, mhix xi haga ta' zmienna. Hi haga antika li fuqha titkellem il-Bibbja u haga li kienet ukoll parti mill-kult ta' l-Egittu antik u dawk Assiro-Babilonizi. Niftakru, per ezempju, fil-kult ta' Lilit, ix-xitan mara, marbuta mal-mitologija iranika. Niftakru fil-kult ta' Satana, marbut mas-setta gnostika tal-messaliani, setta li nfluwenzat hafna l-Luciferjani ta' zminijietna.

L-ewwel gruppi organizzati u li ssejhu satanici, jixterrdu mis-seklu 1500 'l hawn, fi Franza u fl-Ingilterra. L-ismijiet li jinqdew bihom huma strambi: Knights of the Blade, The Damned Crew, ecc; dawn il-gruppi jibdew jiddistingwu rwiehhom b'riti ta' inizzjazzjoni proprji, adorazzjoni ta' l-ispirti l-hziena u riti li fil-konkret kienu espressjoni ta' zeblih tal-Quddiesa kattolika u tal-Maghmudija.

Fost dawn il-gruppi ta' min isemmi l-Hell Fire Club - imsejjah ukoll The Brotherhood of Saint Francis of Wycombe. Il-fundatur tal-grupp, Francis Dashwood (1708-1782) ried isir rapprezentant ta' Lucifru. F'Abbazija Medjevali antika waqqaf il-*brotherhood* tieghu mibnija fuq kult u ritwali satanici.

Fis-seklu ta' wara nibtu hafna gruppi satanici - daqqa jinbtu, daqqa jitkissru....galadarba c-centru tal-qima taghhom hu l-ghajn tal-mibeghda u tal-firda!

Il-moviment tas-satanizmu ghalhekk qatt ma kien u lanqas mhu omogenju jew maqghud. Is-satanizmu modern, fil-fatt, ghal skopijiet ta' informazzjoni, nipprezentawh bhala migbur f'zewg kurrenti principali; il-kurrent ta' Aleyster Crowley u l-kurrent ta' Anton Szander La Vey.

(i) <u>Aleyster Crowley</u> - Edward Alexander Crowley twieled fit-12 ta' Ottubru 1875 minn familja ghanja f'Leamington Spa f'Warwickshire fl-Ingilterra. Il-genituri tieghu kienu membri tal-Plymouth Brethren, setta protestanta. Dawn taw edukazzjoni rigida hafna lil binhom.

Crowley kien maghruf ghal karattru ezibizjonista tieghu, kien egocentriku, mimli bih innifsu, vedikattiv, vjolenti...... fl-ahhar ta' hajtu gie deskritt bhala 'il-bniedem l-aktar pervers tad-dinja'. Tnejn kienu l-

ossessjonijiet tieghu: is-sess u x-xewqa li jidhol f'kuntatt personali max-xitan - zewg ossessjonijiet li wassluh ghall-prattika tal-magija sesswali.

Fl-1898 sar membru tas-setta Golden Dawn, setta bbazata fuq il-magija. Fir-rit tad-dhul ha l-isem ta' Perdurabo. li tfisser 'nirrezisti'. Fl-1907 waqqaf setta propjra, Silver Star, fuq il-principju li s-sess seta' jwassal 'ghall-koncentrazzjoni magika'.

Fl-1904 izzewweg lil Rose Kelly. Il-Honeymoon ghaddieh fil-Kajr, jaghmel riti magici f'wahda mill-piramidi. F'kuntatt ma' l-ispirti Crowley jikteb l-ewwel tlett kapitli tal-Liber vel Legis (il-ktieb tal-ligijiet). L-ispirtu Aiwars jibdillu ismu f'Alyster.

Fl-1912 jiltaqa' ma Theodore Reuss, kap tas-setta magika OTO (Ordo Templi Orienti), li taghha jsir il-kap fl-Ingilterra bl-isem ta' Baphomet.

Fl-1920, Crowley waqqaf 'Kunvent ta' Satana' f'Cefalù, fi Sqallija li sejjah 'L-Abbazija ta' Thelema', jigifieri, 'l-post fejn taghmel li trid'. Ghal tlett snin ipprattika mad-dixxipli tieghu r-riti tieghu: orgi sesswali 'bestjali' u abbundanza ta' droga, offerti ta' sagrificcju ta' klieb u qtates kif ukoll ta' sagrificcji umani.

Fl-1923, Mussolini ordna li Crowley jitkecca minn Sqallija. Mar it-Tunisija meta kellu 48 sena. Fl-1929 gie mkecci minn Franza u fl-1934 gie mtella' l-qorti fl-Ingilterra ghall-krimini ritwali. Baqa' jipprova jigbor il-flus bil-bejgh tal-pillola 'Elisir ghall-hajja twila', li ma kienet xejn ghajr ftit kimika mhallta ma' l-isperma tieghu.

Crowley miet fl-1 ta' Dicembru 1947 mikul bid-droga u l-bronkite.

Il-kitbiet tieghu jinkludu *The Book of Law*; ghal Crowley dan il-ktieb kien il-Bibbja tar-religjon Crowleyana li kellha tiehu post ir-religjon nisranija. Fih jipprezenta lilu nnifsu bhala 'l-bestja l-kbira 666'. Kiteb hajtu f'*The Confessions of Aleyster Crowley* u fl-1920-22 waqqaf zewg rivisti f'Berlin: Gnosis u Lucifer.

F'*The fourth book* kiteb fuq il-yoga u fuq il-pedamenti tal-magija. L-ikbar opra tieghu nsibuha f'*Magic in Theory and Practice*.

Kollox ma' kollox Crowley deher li fil-veru sens tal-kelma kien pervers. Mistoqsi min kien darba wiegeb: 'Qabel ma kien Hitler, jiena hu!' Hass li kellu jinawgura era gdida fid-dinja; kiteb fuqu nnifsu: 'Jiena l-verb tal-bestja, il-bniedem 666; jiena alla awto-inkurunat li l-bnedmin ikollhom iqimu jishtu fis-sekli li gejjin.' Cert li Crowley kien addict tal-kokajina u ta' l-erojina, bil-guh u l-ghatx ghal kull forma ta' perversità sesswali.

Crowley jitqies bhala l-missier tas-satanizmu modern. Dakinhar tal-funeral tieghu d-dixxipli tieghu iccelebraw riti tal-magija sewda fuq qabru, bil-kant ta' innijiet lix-xitan. Kitbietu, il-filosofija ta' hajja tieghu

influwenzaw lil bosta li nistghu nghidu li taw spinta 'l quddiem ghat-tnissil ta' tant gruppi satanici li minnhom huma jigu ispirati, kif ser naraw.

Fl-Ingilterra, kien Kenneth Grant, kap ta' l-OTO fl-1951, li mexxa l-idejat ta' Crowley bil-kotba *Magic Ritual* u *Aleyster Crowley and the hidden god.*

Nibtu gruppi ohra maghrufa ghar-riti satanici taghhom. Niftakru fil-grupp *The Process*, imwaqqaf fl-1965 minn Robert Grimston u Mary Ann Maclean. Fl-1967 il-grupp jigi maghruf ufficjalment bhala knisja fl-Amerika, bl-isem ta' *The Process Church of the Final Judgement*.

Fil-Germanja nibtu diversi gruppi satanici b'kulti satanici mibnija fuq is-sess u d-droga. Per ezempju, ghandna s-setta *Lucifer.G,* knisja satanika mwaqqfa f'Cologne mill-'Gran Mastru Nasha' li fl-1975 izomm li giet irrivelata lilu l-'Bibbja ta' Lucifru', bibbja li xterdet fl-ambjenti satanici.

Fl-America l-OTO xterdet, b'mod partikolari f'Kalifornja: tnisslu setet satanici mibnija fuq is-sess, il-krudeltà, is-sadizmu, il-mibeghda lejn Alla u l-bnedmin li esprimew ruhhom f'delitti u 'crimes' ohra.

Fi zmien Crowley fl-1921 l-OTO tferrxet bil-hidma ta' Charles Stanfield Jones, 'iben magiku' ta' Crowley; fl-1934 Wilfred T. Smith waqqaf 'il-Knisja ta Thelema', u fl-1934 'l-Agape Lodge' f'Pasadena.

Fl-1964 Michael Bartiaux waqqaf diversi setet li fihom hallat elementi tas-satanizmu Crowleyan u elementi tal-vudu tal-Haiti. Nibtu setet ohra bl-ismijiet ta' *Angels of Hell*, *Slaves of Satan* iddedikati ghas-sess u kriminalità vjolenti.

Jibqa' maghruf Charles Mansion li waqqaf il-*Final Church* u li immassakra lill-attrici Sharon Tete u erba' ohra maghha fit-8 ta' Awissu fl-1969, f'Beverley Hills, f'Los Angeles.

Manson, isem li ha hu (= *son of man)* biex jigi kkunsidrat bhala satana ppersonifikat, baqa' maghruf ghar-riti satanici tieghu.

Iz-zeblih tar-religjon kien car fir-riti tieghu: waqt ir-riti kien irid ikun marbut ma' salib bi grupp ta' nisa madwaru, 'jibkuh'; fil-qamar kwinta kien jissagrifika bhejjem; id-demm kien jinxtered fuq koppji migbura f'orgja, bhala stimulant sesswali. Qtil ritwali kien issir billi tinqala' l-qalb li kienet tigi mikula mill-partecipanti fir-rit makabru.

Il-massakru ta' Sharon Tate u tal-mistednin taghha kien l-ewwel omicidju ritwali li Manson kien qabbad lid-dixxipli tieghu jaghmlu; il-kap ta' l-ispedizzjoni kien qal lill-vittmi tieghu: 'Jiena x-xitan u jien hawn biex inwettaq ix-xoghol tax-xitan.'

Fl-Italja is-setet satanici li nibtu kienu nfluwenzati hafna minn La Vey, minn Crowley u fuq kollox minn Michael Bertiaux. Tferrxet l-OTO

f'zewg movimenti: l-*Ordo Templi Orientis - Arcana Æterna*, b'bazi f'Trieste u l-*Ordo Templi Orientis Fraternitas Hermetica - Luciferiana* b'bazi f'Ruma. Tferrxu wkoll zewg setet satanici mwaqqfa minn Marco Dimitri u maghrufa ahjar ghall-profanazzjoni tal-knejjes u tac-cimiterji, u l-Confraternità ta' Efrem del Gatto, maghrufa ahjar bhala *Rhusa Nazionale Luciferiana.*

Qabel ma nghaddu biex nitkellmu fuq Anton Lavey, kelma fuq dawn l-ahhar zewg setet, espressjoni ta' diversi setet satanici fl-Ewropa tal-lvant u tal-punent.

*Bambini di Satana Luciferiani*: Marco Dimitri twieled fit-13 ta' Frar 1963. Jghid li minn mindu kien zghir kellu kuntatti ma' Lucifru u kien isejjah lilu nnifsu 'il-Bestja'. Il-genituri haduh ghand sahhar biex jigi 'ezorcizzat' b'konsegwenza li t-tifel sar aktar inkontrollabli.

Ta' tnax-il sena beda jiffrekwenta l-*Fratellanza Cosmica.* Malajr jitlaq; jabbanduna l-iskola u jibda jistudja l-magija sesswali biex jikseb qawwa socjali u kummercjali. Fl-1989 jigi ddennuncjat ghall-ewwel darba ghall-isfruttament tal-prostituzzjoni ghal riti satanici.

Jorganizza il-grupp *Bambini di Satana* li jsejjah *Impero satanico in evoluzione* fl-1982.

Il-grupp mhuwiex kbir, forsi fih 400 persuna fit-tramuntana ta' l-Italja u f'Ruma. Huwa wiehed mill-gruppi, li b'eccezzjoni, jipproponi ruhu fuq il-mass-media. Bizzejjed niftakru li fl-1995 deher fuq programm tar-RAI Due.

Fit-twemmin taghhom jemmnu fil-kult tal-bniedem li hu alla; Lucifru huwa l-idejalizzazzjoni tal-forza kozmika li tinsab fil-bniedem stess u li tigi ikkunsidrata b'riti magiko-sesswali, anke fil-perverzjoni l-aktar sfrenata biex jehilsu l-energija repressa.

Il-grupp jistqarr: 'L-iskop taghna hu li nghollu d-divinità li hi fina....u fuq kollox li nikkumbattu d-daghwa kattolika, il-holma kerha li hu l-kristjanezmu li hakimna taht id-dittatura tat-tajjeb.'

*Chiesa nazionale luciferiana*: il-grupp hu bbazat f'Ruma u hu mmexxi minn Efrem del Gatto, il-qassis il-kbir ta' Lucifru. Ta' disa' snin kien diga interessa ruhu fil-magija; ta' tlettax dahal f'setta satanika f'Milan; ta' sittax, il-kap tas-setta, ghazlu s-successur tieghu qabel ma miet. Ma kkuntentax bl-adorazzjoni ta' Satana; indirizza l-kult lil Lucifru li qiesu l-uniku veru alla. Is-setta tohrog fil-berah fl-1981. Efrem del Gatto irid jifforma Knisja Luciferjana hielsa, b'knejjes pubblici u riti maghrufa, forsi anke stat liberu b'munita u ligijiet proprji u sahansitra targi tan-numri tal-karrozzi proprji. Il-grupp jemmen: 'Ghalina Lucifru u x-xjaten l-ohra huma entitajiet rejali,

superjuri ghall-bniedem. Min ma jemminx fl-ezistenza taghhom irid jahseb li almenu fuq ix-xitan nitkellmu minn mindu twieled il-bniedem; mela anke jekk ma kienx jezisti; hlaqnieh ahna u hlaqnieh daqshekk qawwi li qatt aktar ma nistghu neqirduh: hu qieghed fina.'

(ii) Anton Szander Lavey: Howard Levy twieled f'Oakland, fil-Kalifornja fit-30 ta' April 1930. Ta' 15 halla l-familja tieghu u l-iskola u mar jahdem f'cirku. Ta' 18 dahal jahdem f'Cabaret ta' adulti fejn iffrekwenta lil Marilyn Monroe u bidel ismu ghal Anton Szander Lavey. Wara li ffrekwenta kors ta' krimonologija dahal bhala fotografu mal-pulizija ta' San Francisco. Hu f'dan il-perjodu li ha interess u studja l-okkultizmu.

Fl-1959 thabbeb mar-regista maghruf ta' Hollywood, Keneth Anger, u hargu l-films *Lucifer Rising*, *Invocation of my Demon Brother* u *Rosemary's baby* (F'dal-film hu stess jidher biex ihabbar il-wasla ta' era gdida, dik ta' Satana).

Lil bintu Zeena jghammidha b'maghmudija satanika; u f'din l-okkazjoni jikteb *The Satanic Rituals*, ktieb li bih izeblah is-sagramenti kollha, fosthom bil-prezentazzjoni tal-quddiesa s-sewda.

Fit-30 ta' April 1966 waqqaf ufficjalment il-Knisja Satanika (l-1966 hu meqjus bhala l-ewwel sena tal-wasla satanika u hafna movimenti jirregolaw il-kalendarju taghhom fuq din id-data). Ta' din il-Knisja jipproklama ruhu qassis il-kbir (jew papa iswed).

L-iskop tal-Knisja ta' Satana kien li ticcelebra l-gisem tal-bniedem u x-xewqat karnali tieghu.

La Vey xerred il-knisja tieghu u kiteb is-*Satanic Bible*, li fiha gabar l-idejat tieghu; *Complete Witch*, u kif diga ghidna, *Satanic Rituals*. Kollha kitbiet li influwenzaw u nisslu hemel ta' gruppi satanici.

Id-disa' stqarrijiet ta' La Vey, miktuba fil-Bibbja satanika jigbru l-filosofija u l-bazi tat-twemmin tal-gruppi satanici li minnu jiehdu l-ispirazzjoni. 1) Satana jirrapprezenta taghmel dak li trid minghajr kontroll ta' xejn; 2) Satana jirrapprezenta l-ezistenza vitali flok il-holm spiritwali; 3) Satana jirrapprezenta l-kortesija lejn dawk li jimmeritawha flok l-imhabba mohlija lejn l-ingrati; 4) Satana jirrapprezenta l-gherf bla limiti flok l-awtoingann ipokritu; 5) Satana jirrapprezenta il-vendetta flok taghti in-naha l-ohra ta' wiccek; 6) Satana jirrapprezenta r-responsabilità quddiem dawk li huma responsabbli, flok l-inkwiet ghal dawk li huma vampiri psikici; 7) Satana jirrapprezenta l-bniedem bhala xejn aktar milli annimal, li minhabba l-pretest ta' l-izvilupp divin, intelletwali u spiritwali tieghu, sar l-annimal l-aktar vizzjat; 8) Satana jirrapprezenta dawk l-hekk imsejha dnubiet kollha, fil-mizura li jwasslu ghall-gratifikazzjoni fizika, mentali u emozzjonali; 9)

Satana huwa l-ikbar habib li l-Knisja qatt kellha ghaliex zammha hajja ghal dawn is-snin kollha.

Lejn is-sena 1975 il-Knisja ta' La Vey bdiet tinqasam u kwazi spiccat fix-xejn. Il-membri, fil-parti kbira taghhom ghaddew fis-setta *Temple of Set*, imwaqqfa fis-sena 1975, bhala xizma ta' l-istess Knisja ta' Satana. Aquino kien jikkunsidra ruhu bhala 'it-tieni Bestja 666', ipprofetizzat minn Crowley. Aquino ried bhal speci jigbor tradizzjoni u wirt gejjin mill-*Golden Dawn*, minn Crowley u mill-Knisja ta' Satana.

Fl-1986, Paul Douglas Valentine minn New Haven, fil-Connecticut, waqqaf Knisja satanika ohra, *Church of Satan Liberation*, f'oppozizzjoni ghal *Temple of Set*, li dehrlu kienet marret wisq 'il boghod mill-idejat ta' La Vey!

Bhala gheluq ta' dawn il-ftit idejat storici irridu nghidu li s-satanizmu illum huwa fenomenu internazzjonali, fenomenu li ma jmissx biss ir-religjon nisranija. Per ezempju il-Yazidi, musulmani sunniti, jaduraw lix-xitan bl-isem ta' Iblis, skond zewg kotba: il-Ktieb tar-Rivelazzjoni u l-Ktieb l-Iswed.

Il-fenomenu tas-satanizmu, li twieled fi Franza u l-Ingilterra, ghal xi zmien deher bhala fenomenu ta' l-Amerika. F'dawn l-ahhar ghoxrin sena infirex fl-Awstralja, fin-New Zealand, fin-Norvegja, fil-Finlandja, fil-pajjizi ta' l-Ewropa tal-Lvant u tal-Punent ecc.

L-ikbar 'Knisja' Satanika fil-prezent hija t-*Temple of Set* li hi mifruxa mad-dinja taht isem jew iehor. Fit-tieni post insibu l-Knisja ta' Satana ta' La Vey, anke jekk hi aktar mifruxa r-ritwalità tieghu fost il-maggoranza tal-gruppi satanici, li difficilment jistghu jitqiesu bhala ghaqda omogenja. U galadarba dawn il-gruppi huma okkulti u ftit li xejn johorgu fil-berah, huwa difficli hafna taghmel statistika preciza fuq numri u ghaqdiet, ecc.

## (B) <u>Riti Satanici u Kriminalità Satanika</u>

Kull grupp sataniku ghandu riti proprji skond id-duttrina li minnha l-grupp jiehu l-ispirazzjoni tieghu jew l-antropologija li zviluppa. Hemm gruppi satanici li jippreferu juzaw cimiterji jew knejjes abbandunati jew inkella ahjar djar maghluqin sewwa jew barra mill-abitat; ir-riti jsiru generalment bil-lejl, meta ftit ikun hemm 'interferenza spiritwali' ta' talb nisrani. Il-gruppi l-aktar maghrufa ghandhom anke 'knejjes' jew postijiet fissi ta' kult.

Varji huma r-riti u c-cerimonji li jsiru mill-gruppi satanici biex iqimu x-xitan u juru il-fedeltà taghhom. Gabra ta' dawn insibuha fis-*Satanic Rituals* ta' Anton La Vey, il-gabra l-aktar importanti tar-riti satanici.

Is-simbolu tal-Knisja ta' Satana hi l-istilla b'hames ponot, b'ras ta' moghoza fiha. Il-membri ta' setta satanika isellmu lil xulxin bil-qrun. Ic-cerimonji jibdew fid-dlam, b'xemghat mixghula, bid-daqq ta' qanpiena u l-invokazzjoni ta' Satana bhala alla u b'litanija ta' 77 isem tax-xitan, ismijiet tradizzjonali u ismijiet ta' divinità orjentali antiki moghtija interpretazzjoni djabolika.

L-irgiel jilbsu l-iswed, b'maskra li suppost trendihom sesswalment provokanti ghan-nisa; jintuza kalci, xabla u kontenitur ta' forma fallika, u altar li kwazi fir-riti kollha hija mara gharwiena mqieghda fuq mejda.

Fil-ktieb Satanic Rituals La Vey jispjega d-diversi riti dejjem li jzebilhu dawk kattolici - tal-maghmudija, taz-zwieg, tal-funerali u fuq kollox il-quddiesa s-sewda u riti ohra.

Per ezempju, hemm rit li jissejjah 'ta' l-arja soffokanti'. Dan jigi ccelebrat madwar tebut li fih ikun hemm mara gharwiena. Hi cerimonja antika franciza li maghha La Vey zied xeni ta' sadomasokizmu u perverzjonijiet sesswali. Waqt ir-rit Alla hu msejjah 'il-hallieq ta' kull hazen u dnub', tigi michuda l-providenza ta' Alla, li ma jinteressahx mid-dinja u jigi ddikjarat li 'Alla ma jezistix'. Id-disperazzjoni hi element fundamentali tar-rit: is-suwicidju jigi ezaltat.

Rit iehor hu dak imsejjah 'rit ta' l-annimali', cerimonja ta' origini tedeska. Permezz ta' din ic-cerimonja l-bnedmin jichdu n-natura 'spiritwali' u jiccelebraw l-identità taghhom ma' l-annimali. Fi tmiem ir-rit il-persuni jinzlu gharkbbtejhom u idejhom u jigru wara gurdien li waqt ir-rit kien gie mizmum f'gagga, filwaqt li jistqarru: 'il-bniedem hu alla... imma anke ahna (annimali), ahna bnedmin, mela ahna allat.' Certament huwa rit li jkasbar f'isem satana d-dinjità tal-bniedem, mahluq fuq ix-xbieha ta' Alla!

Ir-rit 'Homage to Tehort', li jfisser unur lix-xitan bir-Russu, hu rit ta' adorazzjoni lil Satana li jigi mitlub waqt adorazzjoni sesswali; mara gharwiena li hi l-altar u fuqha jitkantaw l-innijiet lix-xewqat u l-pjaciri tal-gisem.

Interessanti nfakkru li f'dawn ir-riti sesswali, iz-zeblih tal-gisem isir bhala att ta' qima lix-xitan u bhala zeblih lejn id-dinjità tal-gisem, meqjus bhala tempju ta' l-Ispirtu Qaddis ta' Alla, u zeblih kontra l-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, jigifieri l-Misteru ta' l-ghageb ta' Gesù Bin Alla, 'il-Verb li jiehu l-gisem u jghammar fostna'.

Fost il-maggoranza tal-gruppi satanici, specjalment fl-Ewropa, hu komuni r-rit tal-quddiesa s-sewda, rit li jzeblah l-aktar talba importanti tal-insara, is-sagrificcju tal-Quddiesa.

Il-quddiesa s-sewda hi xi haga antika: nafu li ga kienet issir fit-tmiem tas-seklu VII, meta l-Koncilju ta' Toledo pprojbixxa c-celebrazzjoni tal-quddiesa tal-mejtin ghal persuna hajja, bl-intenzjoni li din twassal ghall-mewt tal-persuna. Il-quddiesa b'hekk kienet qieghda titqies bhala qawwa magika negattiva.

Imma anke qabel il-Koncilju ta' Toledo is-setta tal-Barbelognostici kienu halqu 'quddiesa' bit-tqarbin. Il-materja tas-sagrament kien jigi migbur mill-isperma tar-ragel u d-demm tal-mestruwazzjoni, u dan wara relazzjoni sesswali. Jekk xi mara kienet tohrog tqila, kien isirilha abort. Il-fetu kien isir materja ghat- 'tqarbin'.

L-aktar informazzjoni cara tmur lura ghas-seklu XVII. L-istorja tirakkonta r-riti satanici organizzati minn Catherine Monvoisin maghrufa bhala La Voisin; kienet il-konkubina tas-shahar La Sage. Ir-riti taghha kienu jinkludu fihom fdalijiet ta' aborti u trabi tat-twelid. L-ingredjenti tar-rit makabru kienu: tarbija ssagrifikata, id-demm migbur gol-kalci, il-profanazzjoni ta' l-ostja kkonsagrata, id-demm tal-mestruwazzjoni, sperma u qzizijiet ohra.

Il-quddiesa s-sewda tallum, ispirata anke minn La Vey, bejn wiehed u iehor zammet l-elementi principali ta' dik tas-seklu 1600: l-altar hu mara gharwiena, hemm kurcifiss imdendel rasu 'l isfel; il-persuni jilbsu l-iswed b'rashom mghottija; it-'talb' kollu jsir f'isem Satana filwaqt li jsir 'talb' vendikattiv u ta' sahta; l-innijiet huma indirizzati lil alla ta' l-infern li jigi gglorifikat bhala 'l-missierna li qieghed fl-infern'; spiss profanazzjoni ta' l-ostja kkonsagrata misruqa; ir-rit jithallat ukoll ma' orgi sesswali, l-uzu abbundanti tad-droga, xi kultant sagrificcju ta' bhejjem jew feti u 'tqarbin' bl-ingredjenti moqzieza li jintuzaw waqt ir-rit.

Fi kliem iehor.... ghandna zeblih shih ta' dak kollu li hu qaddis, zeblih tal-Misteru tal-Qaddiesa. Parodija li taghti qima lix-xitan ... imma li twassal il-bniedem fil-livell l-aktar baxx ta' l-ezistenza tieghu; ghandna l-bniedem li jikkalpesta s-sbuhija u d-dinjità tieghu .... biex jaghti kollox lix-xitan.

U kif hemm iz-zeblih tal-quddiesa hekk hemm ir-rit tal- 'maghmudija' fil-grupp sataniku, dak li nistghu nsejhulu il-Patt ma' Satana. Ir-riti ta' inizjazzjoni f'setet satanici huma diversi, imma fosthom wiehed jista' jsib dawn l-elementi: ic-cahda tal-maghmudija nisranija li biha wiehed ikun dahal f'Patt ma' Alla f'isem Gesù Kristu; ic-cahda tal-fidi fis-Sagrament tal-Ewkaristija; ic-cahda tal-fiducja f'Alla u l-ubbidjenza lejh biex wiehed jghid ra lil Satana; ic-cahda tal-fidi fil-Madonna; ic-cahda tas-sagramenti;

il-profanazzjoni tas-salib; il-halfa solenni li wiehed jafda ruhu lil Satana; il-maghmudija fl-isem tax-xitan u l-ghoti ta' isem; marka fizika ta' appartenenza lix-xitan; l-ghoti tal-parrinijiet f'setta satanika; il-profanazzjoni ta' l-ostja kkonsagrata waqt quddiesa sewda.

U kif ser nghidu aktar 'il quddiem, il-patt max-xitan mhux cajta; mhux lakemm tahrablu ladarba tkun intrabatt mieghu..... Kristu biss jista' jehles.

Ezempju ta' zewg patti satanici, dokumentati mill-kronaka - migbura mill-ktejjeb ta' Radoani Silvana, *Satana e dintorni. Tra fede e superstizione*, EDB 1995.

'Lucifru, Mulej tieghi, jiena ........ noffrilek ruhi u int aghtini sitt xhur ta' hajja hielsa, flus u sess. Meta jghaddu sitt xhur tista' tehodni. Il-qaddej tieghek ........ '

Dan kien patt ma' Lucifru miktub minn zaghzugh, li wara sitt xhur gie maqtul b'bullet li qasmitlu qalbu fi tnejn, waqt li kien qed jisraq f'ufficcju tal-posta.

'Jiena ........ b'gharfien shih u b'rieda hielsa, noffri lil gismi, ruhi, hajti u l-mewt tieghi lil Lucifru, sid ta' l-abissi u princep tad-dlamijiet, u nahlef li minn dan il-mument, l-ezistenza kollha tieghi, mortali u mmortali, tkun kollha kemm hi indirizzata biex naghmel ir-rieda tal-mulej u s-sid tieghi. Demmi jinxtered ghalih. Niehu n-nifs ghalih. Nahseb biss fih. Nahlef ukoll li nkun fidil u sottomess ghal ........ u naghraf fih il-mezz ta' kommunikazzjoni bejni u bejn Lucifru ... u jekk nonqos mill-halfa tieghi, naccetta l-kastigi kollha li l-qawwiet tad-dlamijiet ikunu jridu jwettqu fuqi u fuq l-gheziez tieghi.'

Dan kien patt iffirmat bid-demm minn sahhar tal-grupp The *Temple of the Golden Sun*.

<u>Riflessjoni zaghzugha fuq il-patt sataniku:</u>

Fl-opinjoni taghna l-patt sataniku huwa l-qofol tar-rabta li x-xitan jippjana li johloq ma' kull bniedem sforz l-illuzjoni li l-bniedem irid jikseb kollox f'daqqa: flus, sess, poter, u jaghmel dak kollu li jghidlu mohhu, anke dan jitlob rabta max-xitan. Allura nistghu nghidu illi f'dan il-kuntest ix-xitan huwa dak li jqanqal aktar ghas-serq, qerq, perverzjoni, u t-telfa tad-dinjità tal-bniedem, sabiex il-qaddej tieghu jikseb dan kollu. U forsi mdawwlin minn kazi estremi bhal dawn, nikkonkludu fic-car li mhuwiex Alla li jqanqal in-nuqqas ta' libertà fil-hajja tal-bniedem izda x-xitan, li sforz id-disperazzjoni tieghu u t-tlellix fieragh kollu tieghu jilludi lill-bniedem bil-

poteri li hu jaghti lil dawk li jaghmluh sid taghhom. Izda qatt ma kien kapaci jesprimi li hu ga tellief u li l-poteri tieghu huma limitati minhabba s-Salib ta' Sidna Gesù Kristu. Qatt ma kien kapaci jistqarr li min jidhol ghal dan l-impenn irid ihallas prezz gholi ghax irid jibda jaghmel esperjenza ta' l-infern minn din id-dinja, u jhallas b'hajtu stess.

F'dan l-istadju nixtiequ naghmlu paragun bejn il-patt sataniku u l-patt ma' Alla fil-maghmudija. L-unika haga komuni bejn dawn iz-zewg patti hija li t-tnejn jibdew mixja, bid-differenza li wahda hi favur Kristu, u l-ohra favur ix-xitan. Il-patt max-xitan isir biex il-bniedem jakkwista xi haga li hi materjali, u x-xitan jakkwista l-eziztenza tal-bniedem ha jimliha b'kull forma ta' perversità, bi skop li jaghti qima lilu. Il-patt ma' Alla jsir biex il-bniedem jakkwista il-helsien fuq id-dnub u jithabbeb ma' Alla, isir anzi iben adottiv ta' Alla u sabiex Alla jimla l-bniedem bid-doni tieghu permezz ta' l-Ispirtu s-Santu u juza kull esperjenza kemm pozittiva kif ukoll negattiva ghall-binja tal-individwu. Il-bniedem li jsir konxju tal-hidma ta' Alla fil-hajja tieghu jinfexx ibierek u jaghti qima lit-Trinità Qaddisa ghax 'Hu jghammar fit-tifhir tal-poplu tieghu'. Mela nistghu nghidu wkoll li l-akbar illuzjoni li x-xitan iwieghed huwa l-helsien ghax jidher li l-aktar haga li tinteressah huwa l-jasar li jqanqal id-dnub. Ghax fejn hemm is-sinjal tal-jasar ix-xitan jiehu pjacir idahhal denbu!

Kif diga ghidna Gesù hu l-awtur tal-grajja tad-dinja u tal-holqien kollu tant li jisfrutta x-xewqa tal-libertà vera f'kull individwu favur il-hajja. Ix-xitan huwa l-awtur tal-qerda tant li bl-ghira tieghu dahlet il-mewt fid-dinja. Hu wkoll missier il-gideb u jaf jgharbel kemm il-bniedem u kif ukoll it-twemmin. Ix-xitan jaghmel uzu tajjeb mill-libertinagg u jinsisti li hu biss kapaci jqanqal il-libertà fil-bniedem tant li bl-illuzjonijiet, bid-doni u bit-tlellix fieragh tieghu jaghmlu l-akbar skjav tieghu innifsu u ta' dnubietu li qatt kien hawn fuq wicc l-art.

Kriminalità Satanika

Meta nitkellmu mill-Kriminalità Satanika, nidhlu f'kamp li ghal darb'ohra jsib l-geruq tieghu fil-mibeghda, fl-ghira, fl-ispirtu tal-vendetta u tar-rikatt, fl-istinti tal-krudeltà u sadizmu u minn sentimenti ohra perversi li spiss isiru aktar facli li jitwettqu minhabba l-uzu abbundanti tad-droga li kwazi dejjem hi parti mir-ritwalizmu sataniku u l-kriminalità marbuta maghha.

Diversi huma l-forom ta' kriminalità marbuta mas-satanizmu jew mal-magija s-sewda. Ta' min isemmi per ezempju il-profanazzjoni tac-cimiterji, bil-ftuh ta' l-oqbra u s-serq ta' l-ghadam tal-mejtin u materjal iehor. Ta' min isemmi wkoll l-okkazjoni li certi riti satanici jaghtu lill-membri li jabbuzaw

anke sesswalment mit-tfal fir-riti taghhom; ta' min isemmi wkoll il-hruxija li ssir fuq annimali uzati f'certi riti satanici, ix-xorb tad-demm u l-kriminalità marbuta ma' riti satanici fejn isir l-abort, bil-fetu li jintuza bhala 'materja' ghar-rit sataniku. Ta' min ifakkar ukoll li mhux l-ewwel darba jigi dokumentat xi omicidju li mbaghad jinstab li ghandu l-gheruq tieghu fir-riti satanici li bhala skop ghandhom li tinghata qima lix-xitan b'atti jehduha fuq kollox kontra l-qdusija tal-hajja, il-qdusija tal-gisem u fuq kollox, is-sabih u l-qdusija ta' l-imhabba! Imhabba li dejjem issib l-gheruq taghha f' Alla.

Fil-kuntest ta' kriminalità satanika nistghu nitkellmu wkoll mill-vandalizmu li jsir kontra knejjes, is-serq ta' hwejjeg li jintuzaw fil-kult nisrani u fuq kollox u l-aghar, is-serq tal-ostji kkonsagrati li jintuzaw fil-quddiesa s-sewda ..... biex tigi mzebilha l-prezenza l-aktar qaddisa tal-Mulej taghna Gesù Kristu. U dan minghajr ma nitkellmu mit-'talb' negattiv li jsir kontra persuni, hwejjeg, relazzjonijiet, xoghol bl- 'intercessjoni' tax-xitan.

Cert, huwa difficli taccetta li l-bniedem jasal jesprimi ruhu b'dan kollu li semmejna! Imma dawn ukoll huma l-esspressjonijiet tal-movimenti satanici, li kif diga ghidna, isibu l-gheruq taghhom fil-pricipju tal-mibgheda u b'kuxjenza li tigi ssoffokata mis-sentimenti kollha marbuta mal-mibgheda .... u certament mid-droga.

## (C) <u>Satanizmu u magija</u>

Irridu nammettu li mhuwiex facli hafna taqta' linja retta bejn is-satanizmu u l-magija; hafna drabi z-zewg affarijiet huma mhalltin flimkien.

Hawn gruppi satanici li jqimu lix-xitan minghajr ma jinqdew b'riti jew strumenti magici, u forsi dawn huma l-gruppi li jirraprezentaw is-satanizmu veru, jigifieri il-qima tax-xitan ghalih innifsu. Però, kwazi l-gruppi maghrufa kollha jinqdew bil-magija - hekk imsjha sewda - ghar-riti u l-qima taghhom; hekk ukoll, min jinqeda bil-magija s-sewda, spiss jidhol anke fil-kamp tas-satanizmu u r-rabta diretta jew indiretta max-xitan.

Il-motivazzjoni ghal dan il-fatt huma diversi: il-'qawwa' tax-xitan tigi indirizzata fil-magija; il-formuli magici huma l-mod biex wiehed isejjah u jinqeda bil-'qawwa' ta' l-ispirti l-hziena; il-magija tqanqal il-qawwa satanika; il-kult lil Satana spiss mhuwiex bizzejjed biex wiehed jaqla' sold, u l-mod l-aktar facli biex taghmel sold hu li tkun wkoll sahhar jew sahhara. Fis-satanizmu ghalhekk insibu wkoll il-magija s-sewda u l-hekk imsejha magija sesswali.

Meta nitkellmu minn magija sewda nifhmu dawk ir-riti li permezz taghhom ix-xitan jigi msejjah direttament biex issir il-hsara fuq persuni,

affarijiet, xoghol, relazzjonijiet; b'magija sesswali nifhmu dawk ir-riti li fihom jintuza s-sess u l-likwidi maskili u femminili biex wiehed 'jircievi' l-energija vitali li suppost fihom dawn iz-zewg likwidi.

Jidhrilna li l-magija - sewda, bajda, sesswali, ecc - ghandha gherq wiehed: li wiehed japproprja ruhu mil-'qawwiet' negattivi jew primittivi madwarna. Hu ghalhekk li nsibu shahar li jinqdew bil-magija s-sewda li jitobu anke lill-qaddisin u l-angli, u shahar li jinqdew bil-magija bajda - li jippresumu li hija tajba ghax issir biex 'taghmel u il-gid!' - u li jitolbu lill-ispirti hziena!

Il-magija - kemm dik li tissejjah 'sewda', u kemm dik li tissejjah 'bajda', hi unika. Jekk veru li ghandha xi qawwa, minn fejn tigi din il-qawwa? Forsi hawnhekk insibu risposta fl-Ittra lill-Galatin.5,19-21: *L-ghemejjel tal-gisem huma maghrufa: zina, fahx, nuqqas ta' razan, idolatrija, seher, mibeghda, glied, ghira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbahrid, u hwejjeg bhal dawn. Inwissikom, bhalma wissejtkom qabel, min jaghmel dawn il-hwejjeg ma jiritx is-saltna ta' Alla.*

Dawn il-hwejjeg kollha, inkluza l-idolatrija u s-seher, huma msejha 'ghemejjel tal-gisem', ghemejjel li huma kuntrarji ghall-dawk ta' l-ispirtu, li jigu minn Alla. Jekk dawn l-ghemejjel mhumiex gejjin minn Alla nistghu anke nistqarru li jigu minn qawwa ohra, qawwa li tipprova tehodha kontra Alla u kontra r-rejalizzazzjoni tal-pjan ta' Alla ghall-umanità shiha taghna; din il-qawwa, kif diga rajna, hi dik li fl-Iskrittura tissejjah xitan, Satana. Mela l-magija hi frott tieghu, hija speci ta' 'qawwa' li tigi minnu.

Forsi hawnhekk ta' min ifakkar ghal darb'ohra dak li nsibu miktub fil-Katekizmu tal-Knisja Kattolika fin-numri 2116-2117: 'Is-suriet kollha tat-tehbir ghandhon jigu mwarrba: titlob l-ghajnuna tax-xitan jew ta' xjaten ohra, issejjah il-mejtin jew taghmel kull sura ta' ghemil iehor li tahseb li bih tista' 'tikxef' il-gejjieni; tistharreg il-gejjieni permezz ta' l-oroskopji, ta' l-astrologija, tal-kiromanzija, tara f'xi fatti thabbir ta' dak li jigri jew taqta' x-xorti ta' xi hadd, tinqeda b'dawk li jippretendu li jaraw car dak li hu 'l boghod fiz-zmien u fl-imkien, titlob l-ghajnuna ta' dawk li jippretendu li huma mezz biex isiru sharijiet jew biex tkellem il-mejtin: dan l-ghemil kollu juri li wiehed irid jahkem iz-zmien, l-istorja, u fl-ahhar l-istess bnedmin u fl-istess hin juri x-xewqa li jhabbeb mieghu setghat mohbija (okkult). Dan kollu jmur kontra l-gieh u r-rispett li ghandu jkollna ghal Alla wahdu.....'

'L-eghmejjel kollha tas-seher u tal-maghmul li bihom wiehed jippretendi li jgieghel joqghodu ghalih setghat mohbija biex jaqduh, ha jkollu setgha soprannaturali fuq ghajru - ukoll biex jaghtih sahhtu, huma kuntrarji b'mod tassew gravi ghall-virtù tar-religjon. Dan l-ghemil hu wisq

aktar ta' min jikkundannah meta hemm il-hsieb li ssir hsara lill-haddiehor jew meta jintalab l-indhil tax-xjaten.'

Mela hu car li dan kollu - seher, tbassir, magija, il-maghmul - huma kollha affarijiet li permezz tahhom wiehed jippretendi li jahkem l-istorja u l-persuni u ghalhekk certament li mhumiex 'qawwiet' gejjin minn Alla. Huma qawwiet gejjin minn Satana u jiehdu direttament jew indirettament ghandu, ghaliex dejjem iqieghdu persuna kontra l-kmandament ta' imhabba lejn Alla u lejn il-proxxmu.

Is-sahhar jew sahhara iqieghdu ruhhom f'pozizzjoni kontra Alla u spiss jinqdew bil-'qawwa' ta' Satana.

Huma hafna s-shahar li jghidu li jaghmlu spiss magija bajda, jigifieri magija 'ghall-gid'; fir-rejaltà spiss huma marbuta direttament jew indirettament ma' setet satanici. Jghidu li dan hu biss kult 'personali' taghhom biex tizdied il-qawwa taghhom..... biex biha jaghmlu l-gid.

Dan kollu hu marbut u jsib il-gherq tieghu fl-okkult bhala twemmin u azzjonijiet taghhom li permezz taghhom jitqies li wiehed jitqieghed taht is-setgha ta' esseri superjuri li ghaddew setghathom lil xi whud permezz ta' rit ta' inizzjazzjoni maghmula minn okkultista ta' livell superjuri.

Din l-inizjazzjoni spiss issir permezz ta' dak li jissejjah patt tad-demm, jew fil-kaz tan-nisa permezz ta' relazzjoni sesswali 'mal-qassis il-kbir' ta' xi setta; permezz tal-patt il-persuna timpenja ruhha li taqdi setghat okkulti u negattivi biex tikseb qawwa fuq l-imhuh u fuq l-ezistenza ta' ohrajn u l-profitt ekonomiku.

Is-satanizmu mela jaqdi lill-magija, u l-magija tinqeda wkoll bis-satanizmu.

## (D) <u>Kelma ohra fuq l-Okkultizmu, is-Satanizmu, il-Magija u l-Ispiritizmu.</u>

F'dan il-mument tad-diskors taghna, forsi tajjeb nghidu kelma ohra fuq il-fenomeni ta' l-okkultizmu, is-satanizmu, il-magija u l-ispiritizmu.

Forsi nistghu nghidu li l-okkultizmu hija r-'religjon' vera ta' Satana; religjon li tehodha kontra Alla l-veru u l-fidi u li tehodha wkoll kontra l-bniedem, kontra l-aspirazzjonijiet spiritwali tieghu, ir-razzjonalità tieghu, ir-raguni tieghu li tghinu jistudja u jfittex ghal spjegazzjoni razzjonali ghal dak kollu li hu oggett ta' l-gharfien tieghu.

F'dal-kuntest nistghu nghidu li fejn m'hemmx fidi awtentika f'Alla l-veru, il-bniedem idur fuq allat mahluqa minnu. Hu ghalhekk li l-Ktieb tad-Dewteronomju f'6,4-5 jistqarr: *Isma' Izrael: Alla taghna hu l-Mulej, il-*

*Mulej wahdu: Hobb mela lill-Mulej, Alla tieghek, b'qalbek kollha u b'sahhtek kollha.*

U l-ktieb tal-Ezodu 20,2-3, jistqarr: *Jiena hu l-Mulej Alla tieghek..... ma jkollokx allat ohra ghajri.*

Hu fatt kwazi matematiku: meta nabbandunaw din ir-rabta ezistenzjali, induru ghal allat mahluqa minna, persuni, affarijiet, attivitajiet, attegjamenti li jsiru 'idoli'.

Hu forsi ghalhekk li nistghu nispjegaw ghaliex hafna - boghod minn Alla - jsibuha aktar facli li jitlaqqmu fil-movimenti ta' l-okkultizmu, superstizzjoni u idolatrija.

X'inhu l-okkultizmu? Definizzjoni wiesa' tista' tkun din: l-okkultizmu hu twemmin fl-ezistenza ta' entitajiet jew qawwiet li mhumiex sperimentabbli fuq pjan normali u sensibbli u li permezz taghhom wiehed jippretendi li jiddomina kollox u jkollu qawwiet li haddiehor m'ghandux; u dan permezz ta' riti partikulari li jmorru 'l hinn mil-ligijiet fizici u razzjonali. Bhala ezempju nsemmu: il-qari tal-hsibijiet ta' haddiehor, materjalizzazzjoni ta' oggetti, gharfien tal-futur, il-qawwa li tinfluwenza fit-tajjeb u l-qawwa li tinfluwenza fil-hazin, qawwiet fuq forzi naturali, kuntatt dirett ma' l-ispirti, ecc.

Ghandna cahda tar-religjon ghaliex is-sejha ta' entitajiet, il-qawwiet ecc, certament mhumiex gejjin minn Alla;  ghandna wkoll cahda tar-raguni ghaliex huma kollha hwejjeg li johorgu mill-ambiti ta' l-istudju u l-kontroll razzjonali u l-ezami xjentifiku.  Dan kollu juri xi ftit ir-rabta diretta li hemm mal-magija, mal-qari tax-xorti u tbassir tal-futur, l-astrologija, l-ispiritizmu, is-satanizmu.

F'dan il-moviment ta' okkultizmu jidhlu elementi diversi: riti orjentali antiki, l-esoterizmu li jfittex li jikxef is-sigriet u l-qawwiet ta' tradizzjonijiet, riti jew simboli antiki, il-qawwiet mohbija ta' kristalli, gebel ecc, riti ta' inizjazzjoni li bihom wiehed jippretendi li jidhol ghas-servizz ta' entitajiet jew spirti 'superjuri' jew spirti 'gwidi' li jmexxu shahar, min jaqra l-karti ecc.

Minghajr ma nergghu nidhlu fid-dettal irridu nghidu li certi movimenti, setet u gruppi jsibu wkoll l-gheruq taghhom fl-okkultizmu.  Fuq is-satanizmu tkellimna fit-tul.  Nghidu issa kelma fuq il-magija u l-ispiritizmu.

- Il-Magija:  Kif diga ghidna, id-definizzjoni li spiss issir bejn magija 'sewda' - li tintuza biex isir id-deni; u l-magija 'bajda' - li tintuza biex taghmel 'il-gid' - hi definizzjoni difettuza.  Ghaliex? Ghaliex il-magija kollha hi negattiva.  Negattiva fis-sens li permezz taghha wiehed jippretendi li jinqeda b'talbiet u riti li huma effettivi u li ghandhom 'qawwa' fihom

infushom, jew li ghandhom qawwa ghax bihom tintalab il-qawwa ta' entità superjuri jew ta' 'spirti' negattivi, jew tax-xitan. U tista' taghmel it-tajjeb meta l-principju ta' azzjoni hu negattiv u marbut ma' l-okkultizmu?

